# B'TIFKIRA TAS-SUR FONS M. GALEA

MA MIETX
U MA JMUT QATT GĦAL KOLLOX
MIN QALBU U RUĦU JĦALLI
F'GĦEMEJJEL KBAR U ĦANINA.
ĦABB LIL MALTA
BĦALMA ĦABB LIL ALLA
GĦÂN IL-FOQRA L-ĦBIEB TA' KRISTU
ĦENN GĦALL-ĦADDIEMA L-ISĦAB TA' KRISTU
GĦOŻŻ L-ILTIEMA L-ULIED TA' KRISTU
WERA T-TRIQ LILL-GĦONJA
IL-QADDEJJA TA' KRISTU
ĦABB LIL KULĦADD BĦALA ĦLEJJAQ TA' ALLA
MIS-SEMA JIBQA' JĦOBBNA
U B'IMĦABBTU JIBQA' JGĦIX MAGĦNA.

---

GĦADDA JAGĦMEL IL-ĠID.
L-IBLIET U L-IRĦULA
IL-KBAR U Ż-ŻGĦAR
IL-FOQRA U L-ILTIEMA
ĦASSEW L-ID ĦANINA TIEGĦU
TFARRĠU BIL-ĦLEWWA TA' KELMTU
THENNEW BIT-TBISSIMA TA' FOMMU
U ISSA LI L-MULEJ
SEJJAĦLU MIEGĦU FIS-SEMA
ĠID AKBAR
JISTENNEW MINN GĦANDU
DAWK KOLLHA LI ĦABBEWĦ U ĦABBHOM
FID-DINJA.

P. P. SAYDON